# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Rikors Guramentat Nru.: 1102/2015MH**

**Illum 11 ta' Frar, 2016**

**Ruggier Antonio**

**Vs**

**Milica Micovic.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Milica Micovich fejn gie sottomess illi:

*"1. Illi Antonio Ruggier talab u ottjena l-hrug tal-mandat fuq citat kontra l-esponenti nomine in kawtela ghal danni allegatament subiti, u li ghalihom hija allegatament responsabbli.*

*2. Illi huwa intavola wkoll rikors guramentat li permezz tieghu qieghed inter alia jfittex lill-esponenti nomine ghad-danni ghaliex, fil-fehma tieghu, hija cahhditu mill-uzu kummercjali tal-fondi numru 53 u 54, Triq San Gwann, Valletta;*

*3. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 29 ta' Mejju 2015 gie stabbilit illi s-sekwestrant igawdi minn inkwilinat at fuq l-imsemmija fond, haga li kien ilu jivvanta, u li kien ilu kontestat, sa mill-2008;*

*4. Illi ghalhekk is-sekwestrant jaf ben tajjeb illi l-propjetajiet surriferiti huma proprjeta tal-intimata nomine, haga li ilu jaf ghal diversi snin;*

*5. Illi di piu` bis-sahha tas-sentenza appena citata, is-sekwestrant jinsab fil-pussess ta' dawn il-fondi;*

*6. Illi ghalkemm is-sekwestrant, ghal ragunijiet li hu biss jaf, naqas li jikkwantifika d-danni allegat, kif ukoll li jressaq imqar prova prima facie ta' dawn id-danni, huwa kien talab somma ta' €400,000;*

*7. Illi l-fondi fuq imsemmija, li kif inghad jinsabu fil-pussess tas-sekwestrant, ghandhom valur li jeccedi s-somma minnu pretiza, kif jidher mill-istima hawn annessa u mmarkata Dok M1C1.*

*8. Illi ghalhekk huwa car illi s-sekwestrata nomine ghandha attiv alternattiv li jista' jaghmel tajjeb ghall-kreditu pretiz mill-intimat (u li jinsab kontestat bil-qawwa kollha), u b'hekk tezisti raguni valida ghar-revoka totali tal-mandat surriferit a bazi tal-<u>Artikolu 836 (1) paragrafu u 'c' tal-Kap 16;</u>*

*9. Illi ghall-istess raguni ma hemm l-ebda skop u mhuwiex aktr gustifikat li dan il-mandat jibqa' fis-sehh. (Tabilhaqq qatt ma kien hemm htiega li tali mandat jinhareg, in kwantu s-sekwestrant seta' mill-ewwel jikkawtela ruhu b'din il-proprjeta). Ghalhekk tezisti raguni valida ohra ghar-revoka ta' dan il-Mandat, din id-darba a tenur tal-paragrafu 'f' tal-istess Artikolu 536(1);*

*10. Illi fl-ahharnett jirrizulta wkoll illi 'l fuq imsemmi mandat huwa vessatorju fil-konfront tas-sekwestrata nomine. Kif gja inghad fuq, is-sekwestrant jaf ben tajjeb illi jezistu dawn il-fondi u li jistghu jaghmlu tajjeb ghal kwalsiasi kreditu li jirrizulta dovut lilu in liena ta' danni. M'hemmx dubju li dan jafu ghaliex ilu sa mill-2008 jesigi li jigi rikonoxxut bhala l-inkwilin tas-sekwestrata nomine f'dawn il-fondi. Ghalhekk jaf li s-sekwestrata u ohrajn huma sidien ta' dan il-propjeta. Ghandu jkun jaf ukoll illi dawn huma propjetajiet ta' valur sostanzjali tenut kont il-kobor u l-pozizzjoni taghhom (minkejja l-istat pjetuz li jinsabu fiha minhabba nuqqasijiet tieghu). Inoltre ghandu jkun jaf ukoll illi s-sekwestrata tamministra protafol ta' propjeta (u mhux biss dawn) appartenenti lill-eredita ta' Charles Sant Fournier, stante li dan irrizulta fil-proceduri gudizzjarji li saru bejn il-partijiet.*

*11. Illi ghalhekk konsiderando li s-sekwestrant kien jaf ben tajjeb li l-istess proprjetajiet huma altru milli sufficjenti biex jikkawtelaw id-danni minnu pretizi, huwa car li r-rikorrenti ma kellux skop ghal dan il-mandat ghajr li jimmolesta lis-sekwestrata nomine illi billi japplika fuqha pressjoni indebita u ingusta. Dan jirrendi l-mandat odjern wiehed purament vessatorju, u jikkostitwixxi raguni*

*bizzejjed sabiex din il-Qorti timponi fuq ir-rikorrenti penali a tenur tal-Artikolu 836 (8) paragrafu 'd';*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet surriferiti l-esponenti nomine titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka in toto l-mandat ta' sekwestru fuq citat u dan a bazi tal-Artikolu 836(1) paragrafi 'c' u 'f', kif ukoll tordna lir-rikorrent li jhallas is-sekwestrata nomine penali a bazi tal-Artikolu 836(8) paragrafu 'd', u dan kollu b'riserva ghad-danni talvolta spettanti lilha kif kontemplat fl-Artikolu 836(9)".*

Rat ir-risposta ghal istess ta' Antonio Ruggier li rribatta ghat-talba tar-revoka tas-sekwestru fl-ismijiet hawn fuq indikati billi ssottometta:

*"Illi permezz tar-rikors promotorju taghha, Milica Micovic (I.D. 539646 M), bhala amministrattrici tal-eredita` ta' Charles Sant Fournier, ("sekwestrata") qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern:* ***"a bazi tal-Artikolu 836(1) paragrafi 'c' u 'f', kif ukoll li tordna lir-rikorrent li jhallas lis-sekwestrata nomine penali a bazi tal-Artikolu 836(b) paragrafu 'd',*** *u dan ghal ragunijiet hemm imfissra.*

*Illi, fil-qosor, il-fatti li wasslu ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern kienu s-segwenti:*

**A.** *Permezz ta' zewg sentenzi tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-5 ta' Dicembru 2007 u tat-12 ta' Dicembru 2007 rispettivament, is-sekwestrata giet awtorizzata sabiex ma ggeddidx il-kirjiet tal-fondi ossija 53 u 54 St. John Street, Valletta, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra.*

**B.** *Iz-zewg sentenzi hawn fuq imsemmija inghataw fil-konfront – u, addirittura fil-kontumacja – ta' Kenneth Ruggier, li ma kellu xejn x'jaqsam mal-kirjiet meritu tal-istess sentenzi,* ***evidentement b'rizultat dirett tal-fatt illi s-sekwestrata kienet naqset milli taghmel ricerki appoziti qabel intavolat il-proceduri relattivi quddiem il-Borg li Jirregola l-Kera;***

**C.** *Fil-fatt, minn tali ricerki, ossija minn dokumenti pubblici disponibbli ghal kullhadd, cjoe` minn ricerki testamentarji, minn dejjem seta jigi stabbilit illi l-kirjiet in kwistjoni kienu jappartjenu esklussivament lill-esponent, u mhux lil Kenneth Ruggier, liema esponent kien ilu jgawdi tali kirjiet skond il-ligi ghal ghexieren ta' snin;*

**D.** *Minkejja li **s-sekwestrata giet infurmata b'dan kollu mill-esponent <u>sa minn April tal-2008</u>**, hija xorta wahda ghazlet illi tesegwixxi l-istess sentenzi, b'dan illi l-esponent gie effettivament zgumbrat mill-fondi in kwistjoni, ossija minn negozju li kien originarjament inbeda mill-aventi causa tal-esponent, ossija minn certu Oreste Grech, li miet fil-5 ta' Dicembru 1957 u dan minkejja li l-istess sentenzi ma kienux inghataw fil-konfront tieghu;*

**E.** *Wara proceduri mehudha mill-esponent kontra as-sekwestrata, gie dikjarat u deciz, u addirittura kkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede superjuri) permezz ta' sentenza tad-29 ta' Mejju 2015, li **l-esponent kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq il-fondi ossija 53 u 54, St. John Street, Valletta;***

**F.** *Permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet hawn fuq premessi, ossija rikors guramentat numru 876/2015 MH, l-esponent fittex is-sekwestrata sabiex thallsu d-danni kollha li gew ikkagunati lilu meta, **minkejja li l-istess sekwestrata kienet taf mill-inqas <u>sa minn April tal-2008</u> li kien l-esponent li kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq il-fondi hawn fuq imsemmija, hija xorta wahda ghaddiet sabiex ezegwiet iz-zewg sentenzi tal-Borg li Jirregola l-Kera hawn fuq imsemmija** – ottjenuti fil-konfront ta' persuna li ma kellha xejn x'taqsam mal-istess kirjiet – **u b'hekk cahdet lill-istess esponenti mill-pussess ghal ghexieren ta' snin, bejn April tal-2008, ossija meta gew ezegwiti l-istess zewg sentenzi, u Mejju tal-2015, meta s-sekwestrata irritornat il-pussess tal-istess zewg fondi lill-esponent in linea mas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (sede superjuri) hawn fuq imsemmija;***

**G.** *Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern inhareg mill-esponenti proprju sabiex jikkawtela l-ezitu tar-rikors guramentat hawn fuq imsemmi, li ghandu pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, rigwardanti danni subiti mill-esponent fuq perjodu **ta' aktar minn sebgha snin;***

**H.** *Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern inhareg mill-esponent ghas-somma ta' erbgha mitt elf Euro (€400,000), li frankament hija somma ferm inqas mid-danni kollha li attwalment sofra l-istess esponent matul il-perjodu hawn fuq imsemmi, u li ghadu qieghed isofri sallum –kif jirrizulta minn rapport preliminari, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala **Dok: AS1** – konsistenti fost ohrajn;*

*(i)* *Fi spejjez inkorsi sabiex l-esponent battal iz-zewg fondi in kwistjoni meta s-sekwestrata ezegwiet iz-zewg sentenzi tal-Borg li Jirregola l-Kera f'April tal-2008 kif hawn fuq spjegat;*

*(ii)* *Fi spejjez li gew inkorsi mill-esponent sabiex huwa rega' rama l-istess fondi wara li s-sekwestrata regghet poggiet lill-esponent fil-pussess taghhom wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede superjuri) f'Mejju tal-2015kif hawn fuq spjegat;*

*(iii)* *F'telf ta' uzu u f'telf ta' qliegh kummercjali li sofra l-esponent bejn April tal-2008 u Mejju tal-2015 meta huwa, minhabba l-agir tas-sekwestrata, ma kienx qieghed jopera n-negozju tieghu kif hawn fuq spjegat;*

*(iv)* *F'telf ta' valur tal-business concern, gja' maghruf bhala "Grech's Art Studio", li kien ilu jopera ghal aktar minn hamsin (50) sena, u li nqered kompletament meta n-negozju dam maghluqa ghal aktar minn sebgha (7) snin kif hawn fuq spjegat;*

*(v)* *Spejjez li gew, u li ghad iridu jigu, nkorsi mill-esponent billi, minkejja li s-sekwestrata cahdet lill-esponent mill-pussess taz-zewg fondi in kwistjoni f'April tal-2008, l-istess fondi ma ntuzawx u nzammu maghluqin mis-sekwestrata sa meta hija rritornat il-pussess taghhom lill-esponent f'Mejju tal-2015, b'dan illi l-istess sekwestrata ma ghamlet l-ebda xogholijiet ta' manutenzjoni, la ordinarja u lanqas straordinarji fl-istess fondi, kif addirittura jirrizulta mir-rapport li esebiet l-istess sekwestrata mar-rikors promotorju taghha;*

*ILLI, fil-fehma umli tal-esponent, ir-ragunijiet li gew moghtija mis-sekwestrata fir-rikors promotorju taghha ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan, fost ohrajn, ghas-segwenti ragunijiet:*

***I.*** ***<u>Is-sekwestrata ghandha attiv alternattiv li jista' jaghmel tajjeb ghall-kreditu, skond l-Artikolu 836 (1) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>***

*ILLI l-Artikolu citat mis-sekwestrata jiddisponi illi att kawtelatorju jista' jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu jekk:*

> *"jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista`* ***ghas-sodisfazzjoni tal-qorti*** *tassigura bizzejjed il-pretensjoni"*

*ILLI, l-unika haga li tghid is-sekwestrata f'dan ir-rigward huwa li l-esponent jaf illi hija propjetarja tal-fondi li huwa jiġri minghandha, ossija l-fondi 53 u54, St. John Street, Valletta, liema fondi huma ta' valur li jissupera l-pretensjoni tal-istess esponent kif dedotta fir-rikors guramentat tieghu suriferit, u dan skond stima li giet esebita mar-rikors promotorju tar-rikorrenti;*

*ILLI, f'dan ir-rigward, l-esponent umilment jirrileva:*

***(i)*** *Huwa minnu li l-esponent jaf li s-sekwestrata hija l-propjetarja tal-fondi ossija 53 u 54, St. John Street, Valletta, ghaliex ilu jhallas il-kera relattiva lis-*sekwestrata u lill-aventi taghha ghal ghexieren ta' snin;*

***(ii)*** *Huwa minnu wkoll li l-esponent jista' jobsor li l-valur tal-istess fondi huwa ghola mill-pretensjoni tieghu kif dedotta fir-rikor sguramentat hawn fuq imsemmi.*

*ILLI, madankollu, l-esponent umilment jirrileva wkoll illi:*

***(i)*** *Is-sekwestrata tista' tiddisponi miz-zewg fondi hawn fuq imsemmija kif u meta trid, minghajr il-htiega li tottjeni l-awtorizzazzjoni tal-esponent;*

***(ii)*** *L-esponent ma jafx jekk iz-zewg fondi hawn fuq imsemmija humiex kolpiti b'ipoteki jew drittijiet ohra favur terzi, liema prova tispetta li titressaq unikament mis-sekwestrata jekk verament trid turi, ghas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, li z-zewg fondi in kwistjoni jistghu jikkostitwixxi garanzija ohra li tista' tassigura bizzejjed il-pretensjoni tal-esponent;*

*ILLI, fil-fehma umli tal-esponent, m'huwiex bizzejjed illi persuna sekwestrata taghmel rikors li permezz tieghu tghid –* ***u tghid biss*** *– illi ghandha propjeta` immobbli x'tista' toffri b 'garanzija, minghajr ma tressaq l-icken prova li tali propjeta` hija, fil-fatt, hielsa u libera minn kull piz u ipoteka, u cioe` ta' valur sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghal pretensjoni li tkun giet dedotta kontra taghha;*

*ILLI, kieku kien hekk, kull mandat kawtelatorju jispicca jigi revokat b'dan il-mod, ghaliex kullhadd kapaci jaghmel rikors li fih jghid – **u jghid biss** – li ghandu hafna proprjeta f'ismu, libera u franka;*

*ILLI, jekk is-sekwestrata trid, verament, toffri z-zewg fondi hawn fuq imsemmija bhala garanzija alternattiva ghall-pretensjoni tal-esponent kif dedotta permezz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, hija taf x'ghandha taghmel u, f'dak il-kaz, u cjoe` f'kaz li titressaq **prova sufficjenti** li tali fondi jistghu jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni dedotta mill-esponent, l-istess esponent ma jkollu l-ebda oggezzjoni li, gjaladarba **tinghata** tali garanzija, l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern jigi revokat , a spejjez tal-istess sekwestrata;*

*ILLI, wara kollox, minkejja l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, ma sar l-ebda depozitu mill-ebda bank mill-hames banek citati bhala sekwestratarji fl-istess mandat, u dan minkejja li: "s-sekwestrata fl-istess mandat, u dan minkejja li: "s-sekwestrata tamministra protafol ta' propjeta" kif allegat fir-rikors pomutorju tas-sekwestrata.*

***II. M'huwiex gustifikat li dan il-mandat jibqa' fis-sehh skond l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*ILLI l-artikolu citat mis-sekwestrata jiddisponi illi att kawtelatorju jista' jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu jekk:*

> *"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli"*

*ILLI, l-unika haga li tghid is-sekwestrata fir-rigward ta' din ir0-raguni hija li l-esponent messu kkawtela ruhu biz-zewg proprjetajiet hawn fuq imsemmija, ossija bil-fond 53 u 54, St. John Street, Valletta, u mhux bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern;*

*ILLI, f'dan ir-rigward, l-esponent fit li xejn ghandu xi jghid, hlief illi:*

***(i)*** *Fl-ewwel lok jerga' jigi rilevat illi l-esponent ma jafx – u minkejja r-rikors promutorju tas-sekwestrata u l-allegazzjonijiet hemm kontenuti, ghadu sallum ma jafx – x'inhu l-valur rejali taz-zewg fondi hawn fuq*

*imsemmija billi, addirittura, dawn jistghu jkunu kolpiti b'aktar dejn milli jiswew;*

***(ii)*** *Fit-tieni lok, il-ligi tipprovdi diversi modi kif kreditur jista# jikkawtela l-pretensjoni tieghu –ossija b'mandat ta' sekwestru, b'mandat ta' qbid, b'mandat ta' inibizzjoni, u ohrajn – u certament li kreditur m'ghandux jikkonsulta ruhu mad-debitur tieghu sabiex jara liema mandat jigi ppreferut mill-istess debitur qabel dan ma jinhareg!*

*L-ghazla ma hija ta' hadd hlief tal-kreditur, naturalment b'riserva ghall-persuna sekwestrata li toffri garanzija alternattiva, haga li f'dan il-kaz ma saritx.*

*L-esponent ghazel illi jitlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif kellu kull dritt illi jaghmel skond il0ligi, minkejja li, jrid jinghad, ma tantx mar tajjeb ghaliex, kif gja' inghad, u minkejja li "s-sekwestrata tamministra protafol ta' propjeta" kif allegat fir-rikors promutorju taghha, ma giet depozitata l-ebda somma mill-hames banek citati bhala sekwestratarji fl-istess mandat;*

*Jerga' jigi relevat umilment illi f'kaz li titressaq* ***prova sufficjenti*** *li tali fondi jistghu jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni dedotta mill-esponent, l-istess esponent ma jkollu l-ebda oggezzjoni li, gjaladarba* ***tinghata*** *tali garanzija, l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern jigi revokat, a spejjez tal-istess sekwestrata;*

*Sakemm, pero`,* ***tinghata*** *tali garanzija alternattiva, l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern ghandu, fil-fehma umli tal-istess esponent, jibqa' fis-sehh.*

*ILLI, ghall-istess ragunijiet hawn fuq moghtija, l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-talba tas-sekwestrata ghall-hlas ta' penali ghandha tigi michudha billi ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi ghall-hlas tal-istess penali;*

*Tant ghandu l-unur iwiegeb l-esponent ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti".*

Rat lil-Qorti appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh fl-liema seduta instemghu t-trattazzjonijiet f'dan ir-rigward.

Ikkonsidrat

Illi din ir-revoka hija fir-rigward ta' sekwestru kawtelatorju mahrug da parti ta' l-intimat in kwantu huwa jsostni telf pekunjarju li jsarrfu f'danni li dwarhom hemm pendent kawza wara l-istess Mandat kawtelatorju. Isostni l-intimat illi hu sofra loss on sales, profit u good will meta r-rikorrenti sekwestrati kienu, nonostante insistenza tieghu ta' tgawdija ta' titolu validu ghaddew biex zgombrawh mill-fond kummercjali 53 u 54 triq San Gwann, Valletta fuq sahha ta' sentenza li hadu kontra Kenneth Ruggier, dana in kontumacja. Jinsisti l-intimat sekwestrant li dana gara nonostante li kien insistenti dwar it-titolu validu tieghu ta' kera fuq l-istess fond. Gie ri integrat fil-pussess ta' l-istess wara li l-Qorti ta' Appell (Sede Superjuri) ikkonfermat it-titolu ta' kera validu a favur tieghu.

Illi kien ghalhekk illi huwa fittex li jigu likwidati d-danni lilu kkagunati fiz-zmien li hu kien zgumbrat mill-fond imsemmi u ghalhekk hemm kawza pendenti koncernanti dan quddiem din il-Qorti kif preseduta 876/2015. Il-mandat sotto attakk huwa n kawtela ta' dawn il-pretiz danni.

Illi r-rikorrenti sekwestrati qed jattakaw dan il-mandat in kwantu jsostnu illi dan illum ghandu jigi revokat a bazi ta' l-artikolu 836(1) ( c) u (f ) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isostnu oltre hekk li dan il-mandat huwa wiehed vessatorju .

Jinsistu illi l-intimat Antonio Ruggier huwa ben konsapevoli illi r-rikorenti nomine ghandhom bizzejjed attiv biex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe sodisfazzjon ta' dannu rekat bl-izgumbrament talvolta li dana jigi hekk determinat, dannu li huma per parentesi qeghdin jichdu bl-akbar qawwa. Isemmu wkoll ir-rikorrenti ezekutati portfolio ta' assi amministrat mill-istess sekwestrata Micovic provenjenti mill-eredita ta' Charles Sant Fournier, kif ukoll li huma propjetarji ta' varji propjetajiet ohra, apparti ghall-istess fond li fuqu tistrieh din il-vertenza, li skonthom huwa ta' valur kummercjali gholi.

Konsegwentement it-talba tar-rikorrenti nomine hija dik li l-mandat suriferit jigi revokat ai terminu ta' l-artikolu 836 (1) ( c) u (f ) tal-Kap 12 u noltre li l-intimat sekwestrant jigi ordnat ihallas lis-sekwestrati nomine penali a bazi ta' l-artikolu 836(8)( d) b'riserva ghad-dritt tad-danni ai termini ta' l-artikolu 836 (9) ilkoll tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

M
Ikkonsidrat;

Illi fil-kamp ta' l-ezami ta' mandati kawtelatorji huwa llum stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi l-grad tal-prova mehtieg huwa biss dak sa *prima facie*, ovvju dana meta ghandha tkun il-Qorti vestita bil-kawza proprja in sostenn ta' l-istess att kawtelatorju, li wara ezami akkurat tal-provi lilha migjuba tiddetermina finalment l-ezitu tal-vertenza.

Insibu dan il-principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana. Fil-kawza "**Conrad Borg vs La Rue (499/14JPG 15/7/2015**" intqal hekk:

*"Il-Qrati taghna ennuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar ir-revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet " **Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et**" tas- 26 ta' April 2002 per Onor Imhallef Dr. G. Camilleri intqal hekk:*

*" Skont l-artikolu 836 (d ) u (f) tal-Kap 12 jista jigi nvokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx " prima facie " giustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. **L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed " prima facie"** ( emfasi ta' din il-Qorti)".*

L-istess gie stabbilit fid-digriet **Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut** et P.A. RCP tad-29 ta' Novembru, 2001.

*"li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja"*

Stabbilit dana il-Qorti tghaddi biex fil-limitu hawn stabbilit tezamina it-talbiet imressqa mir-rikorrenti sekwestrati nomine.

L-**Artikolu 836**(1)(c) **tal-Kap 12**.
L-artikolu 836 (1) ( c ) Kap 12 jitratta l-esistenza ta' garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' minn talab il-hrug tal-mandat.

Illi fir-rikors taghhom is-sekwestrati rikorrenti nomine argumentaw illi huma kellhom il-portfolio ta' l-assi taghhom munit bi propjetajiet ohra li setghu ikunu ta' garanzija xierqa ohra li setghet taghmel tajjeb ghal-pretensjonijiet tal-intimat sekwestrant. Mela hawn allura kien jinkombi fuq ir-rikorrenti nomine illi juru dan, mhux kif gie argumentat mir-rikorrenti nomine fis-sottomissjonijiet li kellu jkun l-intimat ezekutant li jipprova l-esistenza ta' garanzija alternattiva fi hdan is-sekwestrati rikorrenti minflokk il-mandat in attakk.

Taghmel hawn il-Qorti referenza ghal dak li qalet il Prim Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Ryan John Farrugia vs Olive Gardens Investment Limited et. deciza fit-3 ta' Settembru, 2012;**

*"B) L-esistenza ta' garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-Mandat [Art. 836 (1) (c )]. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti ezekutata tghid li din il-garanzija tezisti fil-fatt tal-imsemmi depozitu maghmul minn uhud mis-sekwestratarji;*

*Illi l-ezekutant iwarrab dan l-argument billi jghid li f'kull kaz, id-depozitu sar minn gid f'isem biss Olive Gardens Investments Limited u mhux f'isem ir-rikorrenti ezekutatat l-ohra Dernise Limited;*

*Illi biex jista jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet ta' min talab il-hrug tal-mandat ghall-finijiet tal-Artikolu 836(1) ( c) tal-Kodici, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan l-istess persuna ezekutata, u dan, generalment, minn stharrig tal-gid li hija jista jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita " bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor". Kreditu li jista jkun dovut lill-persuna ezekutata minn terza persuna ma jammontax ghal garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ezekutat iehor. Izda, minn naha l-ohra, il-bizgha li gid alternattiv li jitressaq bhala garanzija jista jintuza mid-debitur ezekutat biex jiggarntixxi xi obbligazzjoni ohra m'ghandhiex, wahida , sservi biex tirrendi dak il-gid bhala mhux xieraq bhala garanzija alternattiva ghall-pretensjoni tal-ezekutant. Wara kollox il-Qorti tista dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternattiva xierqa biex ma jaghmel xejn dwar dak il-gid li bih jista jnaqqas jew ixellef is-sahha ta' dik il-garanzija.*

*Illi f'materja ta' garanzija xieraqa alternattiva, il-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-intimat ezekutant jaqa biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbbli lill-ezekutant."* .

Mir-rikors in ezami jirrizulta lir-rikorrenti ezekutati meta invokaw dan l-artikolu biex jitolbu r-revoka tal-mandat stqarru illi is-sekwestrata nomine kellha gid alternattiv li jista jaghmel tajjeb ghal kreditu pretiz minn Antonio Ruggier, portfolio ta' assi ohra.

Jirrizulta ukoll illi waqt it-trattazzjoni din il-Qorti giet infurmata lil garanzija alternattiva li giet offruta mir-rikorrenti nomine kienet ipoteka fuq nofs indiviz tal-propjeta in kwistjoni. Dan ma giex acettat mill-intimat ezekutant.

Fil-fatt din il-Qorti taqbel ferm mall-preokkupazzjoni ta' Antonio Ruggier fil-konfront tal-garanzija offruta. Qajla tista tkun wahda li taqa fil-parametri hawn fuq stabbiliti fis-sentenza citata meta gia tidher jew almenu hekk fehmet il-Qorti, li dan in-nofs indiviz li ghandu jigi ipotekat jappartjeni biss lir-rikorrenti Micovic. Il-garanzija biex meqjusa xierqa trid tkun wahda li tiggarantixxi eventwali ezekuzzjoni fil-konfront ta' **kull ezekutat** li jinsab hekk risponsabbli. Lanqas der resto ma ngabet ebda prova ta' dan l-attiv tant vantat biex b'hekk il-Qorti setghet tezamina l-idonjeta tieghu, prova li kienet tinkombi biss lir-rikorrenti nomine ezekutati.

In vista ta' hekk it-talba ghar-revoka ai terminu ta' l-artikolu 836 (1) ( c ) qed tigi michuda.

**<u>L-Artikolu 836(1) (f) tal-Kap 12</u>.**

<u>Ir-revoka qed tintalab ukoll ai termini ta' l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kodici. Dwar dan is-sentenza hawn fuq citata tkompli tghid hekk;</u>

*<u>"C) Jintwera li fic-cirkostanzi m'huwiex ragonevili li l-mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa gustifikabbli</u> [ Art. 836(1) (f). Jidher li din il-kawzali tinbena wkoll fuq dak li ssemma qabel mill-ezekutata;*

*Illi, tajjeb jew hazin, minbarra dan bizzejjed jinghad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-ezekutant m'ghandux jedd ghall-kumpens tad-danni minnu pretizi, xorta wahda ma jistax jinghad li l-Mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-merti tat-talbiet tal-intimati ezekutanti;*

*Illi jinghad ukoll li id-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara hrug tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa ( ghal kollox jew in parti ) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamm fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz";*

Ir-rikorrenti nomine dwar din it-talba jsostnu illi l-mandat ma ghadux aktar gustifikat anzi li qatt ma kellu jinhareg in kwantu is-sekwestrant intimat seta jikkawtela ruhu anke bil-propjeta mertu tal-kwistjoni.

Frankament dan huwa argument batut ghaliex kif ben sostna l-istess intimat ezekutant il-ligi thallilu l-ghazla ta' l-atti kawtelatorji u ghazel dak li fil-fehma tieghu kien jaqdi l-esigenzi tieghu. Inoltre fit-trattazzjoni gie sostnut illi ma kienx hemm skop ghal hrug ta' dan il-mandat ghax kien hemm propjeta ohra li setghet taghmel tajjeb ghal kwalunkwe pretensjoni vantata. Dan huwa argument pertinenti ghal-ezami li gia sar fil-konfront ta' garanzija xierqa. Oltre dan, ma ngabet fil-fatt ebda prova li sehhet xi cirkostanza li grat wara il-hrug tal-mandat li tiggustifika n-nuqqas ta' zamma *in vigore* tal-mandat *in toto* jew in parte.

**Ghaldaqstant anke din it-talba ta' revoka ai termini ta' l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 ukoll qed tigi michuda.**

**<u>Penali</u>**

**<u>Artikolu 836(8) (d) tal-Kap 12.</u>**

Dana jaqra; " *Il-Qorti tista tikkundanna lir-rikorrenti li jkun inhareg att kawtelatorju fuq it-talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (€6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

*Omissis*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrenti tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Ir-rikorrenti jibbaza din it-talba tieghu fuq il-fatt illi l-iskop ta' dan il-mandat kien biss wiehed vessatorju stante li l-ezekutati kellhom bizzejjed propjetajiet biex jikkawtelaw l-eventwali danni pretizi minn Antonio Ruggier.

Fit-trattazzjoni baqa jigi sostnut li tant il-mandat kien intiz biex jivessa u jwegga, li l-ezekutant intimat kellu toroq ohra x'jaghzel alternattivament bhal per ezempju l-mandat ta' inibizzjoni.

Dwar l-ghazla kif l-intimat ikkawtela l-pretensjonijiet tieghu gia din il-Qorti ghaddiet il-kummenti taghha; ma hemm xejn fil-ligi li zzommu milli jirrikorri ghal dan l-att kawtelatorju.

Dwar il-penali mahsuba taht l-artikolu n ezami naraw lil Qorti qalet hekk fil provediment fl-ismijiet **Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)** deciza fl-10 ta' Awwissu 2012 164/12JRM;

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali.*

*Minbarra li tali imposizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta.*

*Erbgha(4) huma c-cirkostanzi mahsuba miI-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu direttament bhala tassattivi izda bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna*

*tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836 (8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz"*

Mill-ezami ta' l-atti lilha presentati u dak li semghet fit-trattazzjonijiet ma jirrizultax lil din il-Qorti li b xi mod Antonio Ruggier allura l-intimat ezekutant kien abbuziv meta huwa talab in kawtela tad-drittijiet minnu pretizi l-hrug tal-mandat kawtelatorju. Il-Qorti ghalkemm il-boghod mill-konkluzzjoni tal-vertenza principali, xorta ma tqisx anke jekk din ma tirnexxix li Ruggier kien malizzjuz u li tali malizzja kienet manifestata b'talba munita bi frivolosita jew vessatorja, kif trid il-ligi.

Dan huwa kjarament espost fil-kawza fl-ismijiet **Spiteri vs Camilleri** deciza fl-10 ta' Jannar, 1992 fejn gew stabbiliti l-principji li jwasslu ghal-imposizzjoni tal-penali mitluba, kif citata fil-kawza fl-ismijiet **Blye Engineering Co Ltd vs Poalo Bonnici Ltd** deciza fis-7 ta' Lulju, 2004 Citaz Nru. 492/2002/12TM fejn intqal;

*"(a) Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;*

*(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti m'ghandux jigi abbuzat;*

*(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' culpa chi, credendo in buone fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il-riconoscimento sebbene non vi riesca" ("<u>Demajo vs Page</u>" – Kollez. Vol. XV. Pg 34 P.A. 24.1. 1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghall-kullhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdawh fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;*

*(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" – Kollez. Vol XXXIX.1.24) nascent minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpusa ("Agius vs Dott. Carbone nomine" – Kollezz. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il-giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenza giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette vs Bezzina" – Kollezz. Vol. XXVI.1.405);*

*(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*

*"Il diritto cessa dove comincia l-abbuso…….riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo` essere condannato a pagare un'indemnita` al suo avversario….(Baudry – Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560).*

Maghmula dawn il-konsiderazzjoni din il-Qorti tqis li anke din it-talba ghandha tigi michuda.

**Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Milica Micovic nomine bl-ispejjez ghalihom.**

Miriam Hayman
Imhallef